MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Numru. 1088/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR JASON SULTANA**

**VS**

**SONIA BAJADA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Sonia Bajada, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 7073M.

**Akkuzata talli:**

Fil-wiehed u tletin (31) t'Ottubru, 2014 u fix-xhur ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkommettiet serq ta` oggetti ta` ammont li jeccedi l-valur ta` elfejn tlett mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (€2,329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz u bil-persuna ghad-detriment ta` Ronald u Maria Grazia Bajada detenturi tal-Karta tal-Identita` rispettivi bin-numru 49245(M) u 254782(M);

2. U aktar talli nhar il-wiehed u tletin (31) t'Ottubru, 2014 ghal habta tat-tmienja ta` filghodu (08:00hrs) gewwa dawn il-Gzejjer, iddenunzjajt lill-Pulizija Ezekuttiva reat, liema reat taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot tracci ta` reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dan ir-reat kien sar;

3. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi laqat ghandha hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akwistata b'reat.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta` spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll biex titratta ma` Sonia Bajada bhala recidiva ta` sentenzi imposti fuqha mill-Qorti Kriminali, liema sentenza ma tistax tigi mhassra ai terminu tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 261 (b) (c) (d), 263 (a), 264 (1), 267, 268 (b), 279 (b), 280 (1) (2), 110 (2), 334 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fuq l-ammissjoni bikrija tal-imputata.

Illi in ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputata ghall-imputazzjonijiet lilha addebitati mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputata hatja fuq l-akkuzi li lilha gew addebitati.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tpoggi lill-imputata taht Ordni ta` Servizz fil-Komunita` ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta ghall-perjodu ta` mija u hamsin (150) siegha kif ukoll tpoggi lill-istess imputata taht Ordni ta` Trattament taht Dr. Joseph Spiteri ghall-perjodu ta` tlett (3) snin fejn ghandu jirraporta bil-progress tal-imputata kull erba` (4) xhur taht l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------